Malti. Prova ta' dan hija l-liġi tal-Ħarsien ta' l-ilsien Malti li semma. Żbalji ta' l-ortografija jistgħu jitfaċċaw u difatti tfaċċaw kemm-il darba f'lapidi. Kien għalhekk li jien ħadt ħsieb li fil-kumitat tal-lapidi jkun hemm individwi esperti ta' dawn l-affarijiet u qed ninsisti li t-test tal-lapidi jiġi sottomess biex ma jkunx hemm żbalji ta' ortografija. Il-President ta' l-Akkademja tal-Malti ġie minn xi żmien 'l hawn nominat fuq il-Kumitat tal-Lapidi proprju biex wieħed inaqqas il-possibbiltà ta' żbalji.

*Tweġiba mogħtija 30/5/90*
*Seduta numru 380*

## Himno nacional de Malta

Dun Karm Psaila
*(Traducción de Kilín)*

De esta dulce tierra,
la madre que nos dió su nombre,
cuida, Señor,
como siempre cuidaste.
Recuerda que a ella
de la más dulce luz bañaste.

Da, gran Dios,
cordura a quien gobierna;
merced al dueño,
y al trabajador la fuerza.

Y entre los malteses
unión y paz confirma.

(L-Innu Malti ta' Dun Karm, maqlub għall-Ispanjol minn Kilin)

## Tifkirieti dwar l-Akkademja

**Vic Apap**

L-ewwel darba li smajt bl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kien nhar it-3 ta' Frar, 1923, meta kont għadni lanqas għalaqt għaxar snin. Dak in-nhar kien ġie jiekol għandna Ninu Cremona, iz-ziju ta' missieri. Kif konna fuq il-mejda, iz-ziju Ninu staqsa lil missieri jekk dak in-nhar setax jeħodni miegħu t-Teatru Manoel fejn kien se jsir kunċert b'riżq l-''Għaqda''. Mort bil-qalb għad li dak it-teatru ma kienx ġdid għalija. Kienet sorpriża għalija meta fuq il-palk ħareġ jitkellem is-Sur Ġużè Muscat Azzopardi. Is-Sur Ġużè kien ħabib ta' missieri; kienu jiltaqgħu kuljum il-Każin San Giorgio, fil-Pjazza tal-Palazz, fejn illum hemm il- ''Bank of Valletta''. Lili s-Sur Ġużè min jaf kemm drabi qabadni minn idi u ħadni miegħu sal-bottegin tal-każin biex jixtrili pasta.

Dak il-Kunċert Malti kien l-ewwel laqgħa tiegħi ma' dik l-Għaqda li maż-żmien intrabtet daqshekk ma' qalbi. Imma kien hemm ħaġ'oħra li laqtitni: smajt l-ewwel darba jitkanta l-Innu Malti mill-bniet ta' l-iskola tal-gvern. Sirt naf li l-versi kitibhom Dun Karm Psaila. Lanqas dan il-qassis ma kien ġdid għalija: meta kont immur għall-btajjel tas-sajf man-nanniet f'San Ġiljan, lil Dun Karm kont narah il-Qaliet jilgħab il-boċċi man-nannu Wiġi, is-sinjuri Satariano, Coppini u oħrajn, u ġie li ltqajt miegħu għand in-nanniet iqatta' siegħa jew tnejn jedha b'xi logħba *rummy*.

Xi rrid infisser b'dan? Donni li, bla ma kont naf, sa minn tfuliti kont midħla ta' nies kbar fil-qasam tal-letteratura Maltija: Ninu Cremona (ħu nannti), is-Sur Muscat Azzopardi (ħabib ta' missieri), Dun Karm (ħabib tan-nanniet Vincenti). It-tlieta kienu kolonni mill-aqwa ta' l-''Għaqda''.

Nifraħ nistqarr li kien iz-ziju Ninu li ħajjarni nibda nitgħallem il-Malti. Dak iż-żmien it-tagħlim tal-Malti kien għadu ma daħalx fl-iskejjel. Ninu kien kitibni għall-ewwel klassi ta' filgħaxija li fetħet fil-Liċeo bejn l-1928 u l-1929.

Niftakar li fl-1930, għand il-librar Sciortino ta' Triq il-Merkanti, il-Belt, kont rajt edizzjoni rħisa ta' *Il-Malti*. Xtrajt kopja u minn dak iż-żmien bqajt naqra r-rivista. Isseħibt fiha għand is-Sur Saver Caruana li kont nafu bħala katekista fl-Istitut ta' San Ġakbu. Mur għidli dik